**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Roderick Attard]**

**vs**

**Josephine Piscopo**

**Kawża Numru:506/25**

**Illum, 8 ta' Ġunju, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi miġjuba kontra Josephine Piscopo detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 698957M akkużata talli nhar it-8 ta' Ġunju, 2025, għall-ħabta ta' bejn in-nofsija ta' filgħodu (00:30hrs) u s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs) ġewwa triq Sant'Andrija, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-ufficjal tal-pulizija, *PC 2048 Daniel Scerri* persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.

2. Talli fl'istess data, hin, lok u cirkustanzi, kkagunat offizi ta' feriti ta' natura hafifa, fuq il-persuni ta'*PC 2048 Daniel Scerri*, persuna inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi' ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' dawk li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku, u cioe' PC 2048 Daniel Scerri jew ma ħallietx jew fixklet waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlet fi dmirhom, billi ma ħallietx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fixxejn jew tħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-ligi.

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza' f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kienet f'sakra b'mod li ma kinitx tista tiehu hsieb taghha nnifisha.

5. Akkuzata aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza' volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba illi fil-mori tal-kaz tipprovdi għas-sigurta ta' **PC 2048 Daniel Scerri** u/jew familjari tiegħu jew għażżamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat u dan ai termini tal-artikoli 412C.

Rat id-dokumenti.

Rat l-Artikoli indikati 96, 338(dd), 339(e), 214, 215, 221(1), 338(g), 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ikkonfermat l-ammissjoni tagħha u dan wara li l-Qorti tatha żmien sabiex taħseb fuq l-istess u spjegatilha l-konsegwenzi tal-istess ammissjoni.

Stante ammissjoni bikrija u stante li l-akkużata kkoperat bis-sħiħ mal-prosekuzzjoni tant li skużat ruħha mal-uffiċjal tal-pulizija involut, il-Qorti ssib lill-imputata Josephine Piscopo ħatja tal-akkużi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 98A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġiha taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet (3) snin u liema Ordni għandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem sempliċi lill-imputata Josephine Piscopo r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tiġix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reġ.**